PLURIBUS PARENS

Minuti tas-sebgħin laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill (uffiċċju temporanju fil-Librerija G. Zammit) nhar l-Erbgħa 06 ta' Lulju 2016 fis-6.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku | John Mary Calleja |
| | Viċi Sindku | Romeo Baldacchino |
| | Kunsilliera | Mark Anthony Sammut, Demelsa Grech u Stefan Caruana |
| | Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ | Sarah Camilleri |
| | Aġent Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |
| | *Corporate Services Executive Manager* | Joseph M. Formosa |

**Aġenda:**

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti (69/7 – 01/06/2016)
2. Punti mqajma mill-Minuti
3. Komunikazzjoni mis-Sindku, Viċi Sindku u Kunsilliera
4. Korrispondenza
5. Jum il-Gudja 2016 – programm
6. Ħatra ta' Bord – Aġġudikazzjoni tal-offerti (01/16 Accountancy, 02/16 Concrete, 03/16 Refuse Collection u 04/16 Signs and Road Markings)
7. Lista ta' pendenzi u proġetti pendenti
8. Approvazzjoni tal-Pagamenti
9. Aġġornament

**Ftuħ tal-laqgħa**

Il-laqgħa bdiet fis-6.10pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**1.0 <u>Qari u Approvazzjoni tal-Minuti (69/7 – 01/06/2016)</u>**

1.1 Dawn il-minuti ġew iċċirkulati għand il-Kunsillieri kollha qabel din il-laqgħa u b'mod unanimu kien hemm qbil li jiġu meħuda bħala moqrija.

Dawn il-minuti ġew approvati nem con.

**2.0 <u>Punti mqajma mill-Minuti</u>**

2.1 Ma kienx hemm punti li tqajmu dwar dawn il-minuti (69/7 – 01/06/2017)

**3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku, Viċi Sindku u Kunsilliera**

3.1.0 Sindku

3.1.1 Laqgħa mad-diriġenti tal-Gudja Football Club (GFC). Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar din il-laqgħa u ta tagħrif dwar dan il-proġett tal-GFC u fejn dawn id-diriġenti talbu li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għal proġett propost mill-GFC.

Is-Sur Baldacchino qal li jkun għaqli li l-Kunsill jara l-pjanti tal-proġett u li jkun ukoll meħtieġ li jkun hemm parkeġġ addattat. Is-Sindku wieġeb li l-proġett sejjer ukoll jinkludi l-ispajzu fejn il-Club tas-St. Patrick's AC u xi partijiet oħra ta' dawn l-inħawi.

Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li filwaqt li jinkorġixxi l-iżvilupp għal skopijiet sportivi, il-Kunsill ikun jista' jagħti l-opinjoni denja tiegħu wara li jkollu pjanti u dettalji oħra dwar dan il-proġett.

3.1.2 Laqgħa mad-diriġenti tal-Gudja Youth Nursery. Is-Sindku qal li waqt il-laqgħa mad-diriġenti tan-Nursery, huwa ġie infurmat li dawn għandhom spiża finanzjarja sabiex ikollhom kowċ sabiex jittrenja madwar 30 tifel u tifla li qed jipparteċipaw fil-Gudja Nursery.

Is-Sindku qal li l-Gudja Nursery qed jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill sabiex jgħin fiż-żieda tal-parteċipazzjoni tat-tfal kemm tal-Gudja kif ukoll tal-inħawi tal-madwar.

Is-Sindku qal li kien sejjer jara sabiex f'dan ir-rigward tinkiseb l-għajnuna tar-Reġjun Nofsinhar.

3.1.3 Laqgħa mal-Perit Charles Bahagiar fl-01 ta' Lulju 2016. Is-Sindku qal li mar fuq il-post flimkien mal-Perit Buhagiar fejn il-Perit ħa ritratti u ħa noti ta' marki fuq il-ħitan u kien sejjer jagħmel rapport lill-Kunsill li jinkludi rimarki dwar toqob fil-blat li issa jinsabu fuq parti mill-għalqa.

Is-Sur Baldacchino staqsa jekk b'dawn it-toqob kinitx sejra tissolva l-problema dwar il-maqgħad tal-ilma li nħoloq wara li saru toroq ġodda u fejn ħadd ma nstab li ta livelli li ħolqu l-problema.

Is-Sindku wieġeb li l-Perit Bartolo kien qal li ma tqabbatx *surveyor.*

Is-Sur Baldacchino qal li fil-fehma tiegħu kien hemm possibilità kbira li l-livelli ngħataw max-xogħol ta' konkos, u min ta t-tarmak mexa ma' dawn il-livelli, u flok l-ilma baqa' jinżel kif kien qabel issa kien qed joħloq maqgħad bil-problemi li qed iġib miegħu.

Is-Sur Baldacchino qal ukoll li fil-fehma tiegħu kien hemm kanal fl-inħawi fejn qabel kien hemm il-bring-in-site ġewwa Triq Birżebbuġa.

Is-Sindku wieġeb li dan il-kanal kien tkisser u għalhekk ma jaħdimx. Is-Sur Baldacchino reġa' qal li kien hemm kanal ieħor li seta' jintuża sabiex l-ilma jimxi qalb l-għelieqi kif kien isir qabel.

Is-Sur Caruana qal li ftit ta' żmien ilu meta għamlet ftit xita, il-parti ta' Triq Birżebbuġa kienet mgħarrqa u anke nħoloq riskju bla bżonn.

Is-Sindku wieġeb li peress li issa hemm it-toqob dan l-inkonvenjent u riskju sejjer jonqos sewwa u l-maqgħad jispiċċa peress li l-ilma jiskula u jibqa' sejjer f'dawn it-toqob.

Is-Sur Baldacchino qal li ma jafx kemm il-Kunsill għandu saħħa fuq dawn it-toqob. Is-Sindku wieġeb li kien qed ifittex lis-sid tal-għalqa sabiex jintlaħaq ftehim.

Is-Sur Caruana qal li l-Kunsill għandu jibqa' jinsisti li jsir jaf min kien responsabbli li ta l-livelli ħżiena.

Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill l-ewwel jara r-rapport tal-Perit u mbagħad jittieħdu d-deċiżjonijiet xierqa.

Is-Sindku insista li hemm marki ta' livelli mal-ħitan u jidher li min ħadem it-tarmak mexa mal-livell tal-konkos.

Is-Sur Baldacchino tenna li għalkemm ma nafux min huwa s-*surveyor*, xi ħadd tah indikazzjoni ta' fejn kien sejjer isir il-qlib tal-ilma u għalhekk ma għandu l-ebda tort.

Is-Sindku wieġeb li meta saru l-livelli huwa ma kienx fuq il-post u għalhekk ma setax ikun huwa (is-Sindku) li wera lis-*surveyor* fejn kien sejjer jaqleb l-ilma.

Sa. Grech qalet ġara x'ġara u kienu x'kienu iċ-ċirkustanzi n-nies qed jitfgħu t-tort fuq il-Kunsill jiġifieri fuq is-Sindku.

Is-Sur Baldacchino reġa' tenna li jekk l-ilma sejjer jaqleb lejn Triq l-Għelejjel żgur ser ikun hemm problema kbira.

Is-Sindku wieġeb li huwa importanti ferm li naraw ir-rapport tal-Perit.

Is-Sur Baldacchino qal li jidher ċar li l-Kunsill qed jaqbel li l-ilma jkompli jaqleb lejn Ħas-Saptan kif kien isir qabel ġew irranġati dawn it-toroq.

Is-Sur Caruana qal li l-problema hija li kieku kien hemm qlib tajjeb, il-Kunsill għamel xogħol tajjeb u nefaq il-flus u dan sabiex imorru għall-aħjar, iżda sfortunatament peress li sar qlib ħażin issa morna għal agħar għaliex hija l-problema tal-maqgħad tal-ilma l-aktar li tispikka u mhux li l-konkos u t-tarmak sar tajjeb u t-triq ġiet aħjar minn qabel.

Is-Sindku reġa' tenna sabiex il-Kunsill għandu jistenna r-rapport tal-Perit.

Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill għandu jara li dan ir-rappor tal-Perit Buhagiar għandu jkun għand il-Kunsill u l-Kunsilliera kollha sal-laqgħa li jmiss tal-Kunsill għaliex jekk le għandhom jittieħdu passi.

Is-Sur Caruana staqsa "min kien responsabbli għal Triq Ħal Safi u Triq Birżebbuġa?"

Is-Sindku wieġeb li qabel beda x-xogħol saru diversi laqgħat mat-TM u mas-sezzjoni tal-għargħar u dwar dawn il-laqgħat il-Kunsill kien infurmat.

Is-Sur Sammut staqsa lis-Sindku "jekk kont tkun fuq il-post qatt ma staqsejt lil ħadd min fejn ġew dawn il-marki dwar il-livelli?"

Is-Sindku wieġeb li fil-fatt kien hemm kuntrattur tal-konkos u li kien qabbad *sub-contractor.* Jidher li s-*sub-contractor* mexa fuq dawn il-livelli li hemm indikati fuq il ħajt.

Il-Kunsill qed jibqa' jinsisti li jinsab is-*surveyor* li ta l-livelli li mxew fuqhom il-kuntratturi.

Il-Kunsill qabel ukoll li nistennew ir-rapport tal-Perit Buhagiar.

3.1.4 Parti minn Triq il-Kbira – *one-way*. Is-Sindku qal li jidher li l-ilmenti naqsu. Il-Kunsill qabel li jżommu din is-sistema ta' *one-way* bi prova għal xahar ieħor.

F'dan l-istadju s-Sur Caruana stqarr li ma setax jifhem għala t-TM ma qablitx li jsiru *bollards* f'din il-parti tat-triq sabiex ikun aktar ħarsien u sigurtà u fl-istess waqt xtaq jistaqsi lit-TM dwar ir-raġuni li twaħħlu pajpijiet tal-ħadid li ma għandu x'jaqsam xejn mad-dehra u ambjent ta' palazz storiku – Palazz d'Aurel.

Il-Kunsill qabel li jagħmel ilment mat-TM dwar dan.

3.1.5 Laqgħa mas-Sur Clayton Abdilla rappreżentant tal-Grupp Armar Santa Marija – kopja annessa mmarkata Dok 'A'.

Saret diskussjoni dwar il-punti u t-talbiet li saru u l-Kunsill qabel li jieħu passi meħtieġa sabiex jikkopera u jikseb il-permessi mingħand l-awtoritajiet kompetenti skont kif ikun meħtieġ.

3.1.6 Laqgħa mar-rappreżentanti tal-baned – Għaqda Mużikali Marija Assunta u s-Soċjetà Filarmonika La Stella. Is-Sindku qal li waqt din il-laqgħa sar qbil li dawn iż-żewġ każini huma lesti li jdoqqu flimkien f'Jum il-Gudja 15 ta' Lulju 2016. Għal dan is-servizz kienu qed jitolbu s-somma globali ta' €1000.00. Is-Servizz maħsub li jdum xi siegħa u nofs u li l-banda (mass band) ikun fiha 40 bandist.

Saret diskussjoni dwar it-talba ta' €1000.00 filwaqt li fil-passat l-ispiża tas-servizz tal-banda kien ta' €600.00.

Il-Kunsill wera s-sodisfazzjon tiegħu li ż-żewġ każini kienu qed joffru s-servizz bħala banda waħda iżda wera t-tħassib tiegħu li t-talba ta' €1000 kienet sejra issib l-oġġezzjoni tal-awdituri li normalment dejjem iqajmu l-punt jekk il-pagament ikunx ġustifikat.

Il-Kunsill qabel li fiċ-ċirkustanzi l-Kunsill joffri €20.00 għal kull bandist u għalhekk meta kull banda jkollha 20 bandist, din tingħata €400.00 u b'hekk il-Kunsill ikun nefaq is-somma massima ta' €800.00.

Il-Kunsill qabel li ż-żewġ baned għandhom jiġu infurmati b'mod immedjat dwar din id-deċiżjoni tal-Kunsill.

3.1.7 Ħaddiema assenjati mal-Kunsill. Is-Sindku qal li fil-preżent hemm ħames ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

3 – Community Workers Scheme
2 – RSS (IPSL)

Is-Sindku qal li issa daħlet fis-seħħ l-iskema ta' *Community Workers Scheme* u kien meħtieġ li jiġi ffirmat il-*memorandum agreement* li jirregola dan is-servizz ta' ħaddiema li jingħata l-Kunsill taħt din l-iskema.

Is-Sindku qal li l-Kunsill ma jagħmel l-ebda ħlas ħlief għal bonus li jingħata skont kif jagħmel il-*performance* fix-xogħol l-individwu.

Il-Kunsill qabel li jiġi ffirmat dan il-*memorandum contract* peress li dan huwa fl-aħjar interess tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li l-ħaddiema qed jaħdmu fuq diversi xogħlijiet madwar il-Gudja.

Is-Sindku talab lill-Kunsilliera sabiex minn żmien għal żmien jinfurmaw lill-Kunsill dwar xogħlijiet meħtieġa sabiex dawn jidħlu fil-programm ta' xogħol tal-Kunsill li jitwettaq minn dawn il-ħaddiema.

Is-Sindku qal li b'dawn il-ħaddiema l-Kunsill ikun jista' jiffranka l-flus fosthom dwar it-tindif u knies tat-toroq.

3.1.8 Skema ta' impjieg ta' persuni bi bżonnijiet speċjali. Is-Sindku qal li għalkemm il-Kunsill jaqbel li joffri l-opportunità ta' impjieg (li jiġi mħallas mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali), l-ispazju u l-faċilitajiet preżenti tal-Kunsill ma jippermettux dan għaliex jista' jwassal li l-persuna ma tkunx possibbli li taħdem kif mixtieq fl-ambjent preżenti. Il-Kunsill qabel li jinforma lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar dan u li għalissa ma setax jieħu sehem f'din l-iskema.

3.1.9 Kiosks għal waqt il-festa ta' Santa Marija 15 ta' Awwissu 2016. Meta s-Sindku ressaq din il-materja l-Kunsill qabel li jimxi bħas-snin l-oħra. Il-Kunsill qabel ukoll illi l-każini jingħataw permess li joħorġu mejda xierqa li jpoġġu silġ u bottijiet (iżda mhux tal-ħġieġ). Dawn il-każini jistgħu jarmaw ukoll f'lok fejn ikun jidher in-nar faċċata ta' Dawret il-Gudja u nħawi oħra.

3.2.0 Viċi Sindku

3.2.1 Qtugħ ta' ħaxix fi Triq Fidloqqom. Is-Sur Baldacchino qal li kien qed jinsisti mal-kuntrattur responsabbli sabiex jagħmel ix-xogħol meħtieġ.

3.2.2 L-eksfuntana fi Ġnien Ġlormu Cassar, Tax-Xlejli. Is-Sur Baldacchino qal li qed jinsisti mal-ELC sabiex dan il-ħawt jimtela' bil-ħamrija u jitħawlu l-fjuri u pjanti staġjonali.

3.2.3 Xiri tal-Kunsill. Is-Sur Baldacchino qal li fil-fehma tiegħu l-Kunsill sa żmien ilu kien qabel li jxerred ix-xirjiet tiegħu qalb diversi ħwienet ġewwa l-Gudja u b'hekk jikseb l-aħjar servizz. Is-Sur Baldacchino qal li huwa ma jafx li l-Kunsill kien qata' barra x-xiri mingħand Footsteps Ironmongery.

Is-Sindku wieġeb li ma setax jibgħat ħaddiema jixtru mingħand persuna li qalet li kienet lesta li tiġi l-Kunsill sabiex tifqa' l-uffiċċju. Is-Sindku qal li din il-persuna flok bdiet tirraġuna dwar il-ħtiġijiet tagħha bdiet tidgħi u qalet li mhux bżonn ix-xiri tal-Kunsill. Is-Sindku qal li talbu jkellmu bil-kwiet iżda din il-persuna baqgħet tinsulentah u qaltlu li "tistgħu ma tersqux hawn għax jien mhux bżonnkom".

Is-Sur Caruana qal li jekk din il-persuna għamlet hekk, din għamlet ħażin iżda dan ma jfissirx li l-Kunsill ħa deċiżjoni li ma nixtrux mingħand dan l-istabiliment.

Is-Sur Baldacchino qal li kien sorpriż li l-Kunsill kien waqaf li jixtri mingħand dan l-istabiliment fuq struzzjoni tas-Sindku, għax dan ma setax isir għaliex imur kontra li jkun ftiehem dwaru l-Kunsill.

Wara dan l-intervent ġie deċiż li jintbagħat komunikat lill-istabiliment imsemmi kif ġie maqbul u ddettat waqt din l-istess laqgħa tal-Kunsill. Dan il-verbal huwa s-segwenti:

Nixtiequ ninfurmawk illi waqt il-laqgħa tal-Kunsill dawn il-Kunsilliera (il-Viċi Sindku Romeo Baldacchino u l-Kunsilliera Mark Anthony Sammut, Demelsa Grech u Stefan Caruana) jixtiequ jinfurmawk li ma kellhom l-ebda sehem fid-deċiżjoni li ma jinxtarax materjal mill-ħanut tiegħek. Din id-deċiżjoni kienet deċiżjoni tas-Sindku waħdu. Waqt din il-laqgħa tas-06 ta' Lulju 2016 il-Kunsill qabel li x-xiri tal-materjal ikompli jsir kif kien qed isir fil-passat u li l-ebda ħanut ma jkun eskluż arbitrarjament.

3.2.4 Għargħar fi Triq l-Għelejjel – triq mgħarrqa sa 5 plots. Is-Sur Baldacchino qal li dan l-aħħar meta għamlet ix-xita fis-sajf ra dan l-għargħar huwa stess u kellu jintervjeni sabiex ma ssirx ħsara. Is-Sur Baldacchino qal li kien qed jissuġerixxi li jsiru spralli fuq il-bankini jew inkella jsiru toqob taħt il-kurduna. Il-Kunsill qabel dwar dak li qal is-Sur Baldacchino.

Is-Sindku u l-Viċi Sindku qablu li jiltaqgħu fuq il-post sabiex jiftehmu dwar l-aħjar ta' kif isir ix-xogħol meħtieġ qabel ma jibda l-istaġun tax-xita.

3.2.5 Skips madwar il-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill għandu jitlob lil-LESA sabiex jingħata s-servizz ta' *Green Wardens* għaliex sar kważi impossibli li dawn l-iskips jinżammu kif meħtieġ u mhux isiru miżbliet żar mhux awtorizzati.

Is-Sur Baldacchino qal li CCTV (meta jsiru) għandhom jiġu kkontrollati mit-Tribunal kif isiru dwar il-kontravvenzjonijiet tat-traffiku għax ikun inutli li taqbad lil xi ħadd jabbuża u mbagħad ma tistax twaħħlu l-multi u jingħata l-kastig li jkun ħaqqu.

Is-Sindku qal li kien sejjer iqajjem din il-materja fil-laqgħa tar-Reġjun tan-Nofsinhar. Is-Sindku qal li sejjer jara kif il-Kunsill jipparteċipa fi proġett pilota dwar il-ħarsien tal-indafa.

3.3.0 Kunsilliera

3.3.1 Mark Anthony Sammut

a. Ħwat fl-isqaqien. Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill għandu jieħu sehem fi skema ta' tisbiħ kemm fl-isqaqien u fit-toroq. Is-Sur Sammut qal li għandhom jitpoġġew ħwat xierqa fl-isqaq nru 3 fi Triq Raymond Caruana, il-Gudja.

3.3.2 Demelsa Grech

a. Sa Grech qalet li dak li kellha xi tgħid qalitu waqt il-laqgħa f'diversi stanzi.

3.3.3 Stefan Caruana

a. Kunċert fil-programm 'L-Erba' Staġuni' waqt il-programm ta' Jum il-Gudja 2016. Is-Sur Caruana qal li dan il-kunċert sejjer ikun nhar it-Tlieta 12 ta' Lulju 2016 fit-8.00pm fit-teatru Grieg – spazju ta' kreazzjoni fi Ġnien R. Caruana. Ikun kunċert u *lecture* li żgur sejjer jintlaqa' sewwa minn dawk li jattendu. Is-Sur Caruana qal li l-ispiża hija ta' €300.00 u liema spiża tinġabar lura mill-fondi assenjati lill-Kunsill dwar attivitajiet kulturali.

b. Parteċipazjoni fil-programm V18. Is-Sur Caruana qal li kien qed jaħdem sabiex tfal subien (bejn 8 snin u 15-il sena) jieħdu sehem fil-programm ta' Danza li sejjer isir filgħodu fil-15 ta' Lulju 2016.

c. Bollard quddiem il-kampnar. Is-Sur Caruana qal li hemm ħtieġa li jkun hemm bollard sabiex l-inħawi jkunu aktar imħarsa u siguri. Is-Sindku wieġeb li l-problema hija li l-Kunsill ma sabx min huma l-furnituri ta' bollards simili li diġà twaħħlu madwar iz-zuntier. Il-Kunsill sejjer ikompli jfittex li jsib minfejn jista' jinxtara dan il-bollard.

d. Vandaliżmu. Is-Sur Caruana qal li qed ikun hemm vandaliżmu u f'xi waqtiet ikun hemm inkonvenjent u riskju għal dawk li jkunu qed igawdu l-mistrieħ f'dan Ġnien R. Caruana. Il-Kunsill qabel li jsir rapport lill-Pulizija sabiex ikun hemm aktar sorveljanza u ħarsien.

## 4.0 <u>Korrispondenza</u>

4.1 Il-Kunsilliera kollha ġew infurmati dwar korrispondenza li jirċievi u jibgħat il-Kunsill minn żmien għal żmien. Il-Kunsill filwaqt li ħa konjizzjoni dwar dan qabel li jkompli jsegwi l-progress meħtieġ fl-aħjar interess tal-istess Kunsill u tar-residenti kollha tal-Gudja.

## 5.0 <u>Jum il-Gudja 2016 – programm</u>

5.1 Il-Kunsill approva l-programm hekk skont kif inhu ġej:

It-Tlieta 12 ta' Lulju 2016 9.00am – tqassim ta' kotba lit-tfal li deħlin l-ewwel darba l-kindergarten 16/17 quddiem il-librerija Ġużeppi Zammit 7.30pm – Classical Music in Movies bħala parti mill-programm "Erba' Staġuni" (kant, żfin u mużika) fit-teatru grieg ġewwa Ġnien Raymond Caruana.

Il-Ħamis 14 ta' Lulju 2016 ħarġa għal Għawdex

Il-Ġimgħa 15 ta' Lulju 2016 6.30pm – daqq ta' banda f'diversi toroq madwar il-Gudja, bis-sehem tal-Għaqda Mużikali Marija Assunta flimkien mas-Soċjetà Filmarmonika La Stella 7.00pm – quddiesa ta' Radd il-Ħajr ġewwa l-Knisja Arċimatriċi u Arċipretali tal-Gudja, bis-sehem tal-għaqdiet kollha tal-gudja. Wara jsir it-tqegħid ta' fjuri fuq il-Monument tal-

Gwerra 8.00pm – korteo mal-banda minn ħdejn il-knisja għal Triq San Mark, il-Gudja 8.15pm – bidu tal-Lejla Gudjana fi Triq San Mark, il-Gudja b'talent lokali Gudjan.

Is-Sibt 16 ta' lulju 2016 7.00pm – 'il quddiem se jkun hemm logħob tal-futbol għal tfal subien u bniet imtella' mill-Gudja Youth Nursery fil-mini-pitch ta' Ġnien Raymond Caruana. se tingħata tifkira lil kull parteċipant

**6.0 Ħatra ta' Bord – Aġġudikazzjoni tal-offerti (01/16 Accountancy, 02/16 Concrete, 03/16 Refuse Collection u 04/16 Signs and Road Markings)**

6.1 Peress li sa issa ma nstabitx persuna tal-pubbliku li tkun fil-bord tal-aġġudikazzjoni, il-Kunsill qabel li jitratta dan waqt laqgħa li tissejjaħ b'urġenza meta tinsab il-persuna li tkun lesta li tipparteċipa fl-għażla tal-aħjar offerta skont porċeduri stabbiliti.

**7.0 Lista ta' pendenzi u proġetti pendenti**

7.1 Il-Kunsill ħa konjizzjoni u qabel li din il-lista għandha tkompli tinġieb quddiem il-Kunsill sabiex ikun jista' jsegwi l-progress meħtieġ.

**8.0 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

8.1 *Petty Cash.* Il-Kunsill ra u approva l-*petty cash* għax-xahar ta' Mejju 2016 għall-ammont ta' €70.85 skont kif ippreżentat.

8.2 Skeda ta' Pagamenti. Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Ġunju 2016 (skeda 33/7) hekk kif ippreżentata lill-Kunsill għas-somma ta' €40,854.10.

8.3 Xiri u Xogħlijiet. Il-Kunsill approva x-xiri u xogħlijiet kif indikati aktar 'il fuq f'dawn l-istess minuti.

**9.0 Aġġornament**

9.1 Binja storika – Id-Dar tal-Kappillan. Il-Kunsill qabel li jagħmel stħarriġ dwar din il-binja patrimonju Gudjan sabiex tiġi mħarsa bil-possibilità li tkun ukoll protetta u mhux li tibqa' abbandunata u possibilment sfruttata mill-privat.

9.2 Għotin tal-arbli fi Triq Bir Miftuħ. Il-Kunsill qabel li jsiru arranġamenti sabiex dawn l-għotin isiru kif suppost.

9.3 Għotja ta' siġar. Il-Kunsill qabel li jara fejn l-aħjar jitħawlu madwar 15-il siġra li ġew imwegħda lill-Kunsill.

9.4 Dawl fi Triq l-Għelejjel, il-Gudja. Il-Kunsill ħa konjizzjoni li fl-aħħar biċċa ta' Triq l-Għelejjel hemm id-dlam u għalhekk qabel li jinxtara arblu u ssir applikazzjoni mal-Enemalta sabiex isir bozza u li din il-parti tat-triq ikollha d-dawl meħtieġ.

**Aġġornament**

Peress li l-materjal ta' fuq l-aġenda ġie eżawrit, is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-9.00pm u aġġorna għat-02 ta' Awwissu 2016 fis-6.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

| | | |
|---|---|---|
| J Ranier Busuttil<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv | Joseph M. Formosa<br>*Corporate Service Executive Manager* | John Mary Calleja<br>Sindku |

Data: ____________________